

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Il-qorti Ta' Liema Pajjiż Hija Responsabbli?](#) > Malta

## Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

L-għażla tal-Qorti jew Tribunal jiddependi mill-fattispecie tal-każ tiegħek. Il-maġġoranza assoluta tal-każijiet ċivili u kummerċjali taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qorti ċivili ordinarji, billi ma hemm l-ebda qorti kummerċjali. Hemm biss ftit tribunali speċjalizzati, li fosthom nsibu:

Tribunal Industrijali - jisma' kawżi marbuta mat-tkeċċija inġusta u mat-trattament diskriminatorju jew trattament illegali fuq il-post tax-xogħol.

Il-Bord li jirregola l-Kera - jisma' kawżi marbuta mat-tibdil fil-kunidzzjonijiet tal-kera inkluż iż-żieda fil-kera u t-terminazzjoni tal-kera. Dawn il-każijiet iridu jkunu marbuta ma' ftehim dwar il-kera li jkun sar qabel l-1 ta' Ġunju 1995.

Il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet - jisma' kawżi li jittrattaw il-klassifikazzjoni ta' art esproprijata u l-ammont ta' kumpens dovut lis-sid.

Dawn it-Tribunali kollha jagħmlu s-seduti tagħhom il-Belt fl-istess bini fejn jinsabu l-Qrati ordinarji.

Ara wkoll ir-risposta għall-mistoqsija numru 4 tas-sezzjoni "Ftuħ ta' Kawżi fil-Qorti".

### 2 Meta l-qrati ċivili ordinarji jkollhom il-ġurisdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qrati responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

Sabiex wieħed jiddetermina quddiem liema Qorti għandu jippreżenta l-każ tiegħu, huwa importanti li jagħti ħarsa lejn il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta msejjaħ Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

#### 2.1 Issir distinzjoni bejn il-qrati ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qrati distrettwali bħala qrati inferjuri u qrati reġjonali bħala qrati superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Iva ssir differenza bejn il-Qrati Superjuri u dawk Inferjuri. Id-differenza bejniethom hija li l-Qrati Inferjuri jisimgħu u jiddeċiedu każijiet ta' natura purament ċivili dwar il-pretensjonijiet kollha sa' l-ammont ta' €15,000. Il-Qrati Superjuri minn naħa 'l-oħra jisimgħu u jiddeċiedu każijiet ta' natura purament ċivili dwar il-pretensjonijiet kollha li jammontaw għal aktar minn €15,000, kif ukoll kwalunkwe kawżi (indipendentement mill-valur tat-talba) li fihom jidhru kwistjonijiet dwar il-proprjeta' ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbali kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħdu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom. Ara wkoll ir-risposta għall-mistoqsija numru 4 tas-sezzjoni "Ftuħ ta' Kawżi fil-Qorti".

## 2.2 Ġurisdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

Ir-regola bażika tal-ġurisdizzjoni territorjali hija l-post fejn joqgħod il-konvenut. F'Malta il-ġurisdizzjoni tinqasam bejn Malta u Għawdex. M'hemm l-ebda qrati relatati ma' bliet differenti. Għall-persuni li joqgħdu jew għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta, il-kawża għandha tinfetaħ fil-Qorti Maltija. Minn naħa 'l oħra għall-persuni li joqgħdu jew li għandhom ir-residenza ordinarja tagħhom ġewwa l-Gżira t'Għawdex il-kawża għandha tinfetaħ fil-Qorti Għawdxija.

### 2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġurisdizzjoni territorjali

Ara r-risposta għall-mistoqsija numru 2.2.

### 2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

Eċċezzjoni għar-regola bażika hija fejn l-obbligu jkollu jitwettaq fi gżira partikolari. Per eżempju jekk il-konvenut ikun jgħix Għawdex imma l-obbligu suġġett għat-talba jkollu jitwettaq Malta, il-Qrati Maltin ikollhom ġurisdizzjoni u l-kawża kollha jkunu preżentati fil-Qrati Maltin minkejja li l-konveut ikun jgħix Għawdex.

2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?

Ir-regoli tal-ġurisdizzjoni territorjali skont il-liġi Maltija ma jaħsbux għall-għażla tal-Qorti bejn il-partijiet.

2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?

Dan għandu jsir meta l-obbligu jkun eżegwibbli fi gżira partikolari.

2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġurisdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?

M'hemm l-ebda dispożizzjoni legali li taħseb għal dan. Skont il-liġi Maltija, l-partijiet ma jistgħux jagħżlu li jagħtu ġurisdizzjoni lil Qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. L-inkompetenza tal-Qorti tista' titqajjem mill-Qorti stess għax hija punt/regola ta' ordni pubblika.

## 3 Meta l-ġurisdizzjoni tkun tal-qrati speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?

Il-website <https://judiciary.mt/il-qrati/> tagħti ċertu informazzjoni quddiem liema qorti wieħed għandu jippreżenta l-każ tiegħu. Barra minn hekk wieħed jista' jidħol fil-website <https://legislation.mt/> fejn hemmhekk ikollu aċċess għall-liġijiet Maltin u għaldaqstant ikun jista' jfittex fejn għandu jippreżenta l-każ tiegħu. Wieħed għandu jieħu parir mingħand avukat jew prokuratur legali li jiffirma l-atti. Fir-rigward tat-Tribunali speċjalizzati, il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tagħhom hija mfissra fil-liġijiet li jistabbiluhom.

### Links relatati

<http://www.justice.gov.mt/English>

---

L-aħħar aġġornament: 28/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.